

32007D0222

L 95/52

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

5.4.2007

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-4 ta' April 2007

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara li l-Kunsill Konsultattiv Reġjonali ta' l-ilmijiet tal-lbiċ skond il-Politika Komuni tas-Sajd, beda jopera

(2007/222/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE tad-19 ta' Lulju 2004 li tistabbilixxi Kunsilli Konsultattivi Reġjonali taħt il-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 3(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-rakkomandazzjoni trażmessa min-naħa ta' Franza fid-9 ta' Frar 2007 fisem il-Belġju, Spanja, Franza, l-Olanda u l-Portugall,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd ⁽²⁾ u d-Deċiżjoni 2004/585/KE jipprovdu l-qafas għall-istabbiliment u l-operat tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali.
- (2) L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2004/585/KE jstabbilixxi Kunsill Konsultattiv Reġjonali biex ikopri l-ilmijiet tal-lbiċ fil-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni ta' l-Ibħra (ICES), fiż-żoni VIII, IX u X (l-ilmijiet madwar l-Azores) u d-diviżjonijiet tas-CECAF 34.1.1, 34.1.2. u 34.2.0 (ilmijiet madwar Madejra u l-Gżejjer Kanari) ⁽³⁾.
- (3) Skond l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni 2004/585/KE, rappreżentanti tas-settur tas-sajd u gruppi oħra li għandhom interess ressuq talba dwar l-operat ta' dak il-Kunsill

Konsultattiv Reġjonali lil-Belġju, Spanja, Franza, l-Olanda, u l-Portugall.

- (4) Kif meħtieġ minn Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 2004/585/KE, l-Istati Membri kkonċernati stabbilixxew jekk l-applikazzjoni rigward il-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-ilmijiet tal-lbiċ hijjex skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dik id-Deċiżjoni. Fid-9 ta' Frar 2007, l-Istati Membri kkonċernati ttrażmettew rakkomandazzjoni dwar dak il-Kunsill Konsultattiv Reġjonali lill-Kummissjoni.
- (5) Il-Kummissjoni evalwat l-applikazzjoni tal-partijiet interesati u r-rakkomandazzjoni fid-dawl tad-Deċiżjoni 2004/585/KE u l-għanijiet u l-prinċipji tal-Politika Komuni tas-Sajd, u tqis li l-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-ilmijiet tal-lbiċ huwa lest biex jibda jopera,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-Kunsill Konsultattiv Reġjonali ta' l-ilmijiet tal-lbiċ, stabbilit bl-Artikolu 2(1)(e) tad-Deċiżjoni 2004/585/KE, għandu jibda jopera mid-9 ta' April 2007.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' April 2007.

Għall-Kummissjoni

Joe BORG

Membri tal-Kummissjoni⁽¹⁾ ĠU L 256, 3.8.2004, p. 17.⁽²⁾ ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.⁽³⁾ Kif iddefinit fir-Regolament (KEE) Nru 3880/91 (ĠU L 365, 31.12.1991, p. 1).